NEWSPAPER POST

IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX

Settembru - Ottubru 1986 No 32

# ILLUM . . . XEJN MHU XEJN

Kif qrajna fl-aħħar ċirkulari li ħarġu m'ilux l-Isqfijiet tagħna, mhux il-familji Maltin kollha qegħdin fl-istess kondizzjoni morali. Baqgħalna, għall-grazzja t'Alla, bosta familji li minkejja kull tfixkil għadhom jagħmlu ħilithom biex iħarsu l-liġi t'Alla. Jafu xinhuma d-dmirijiet tagħhom fejn jidħlu tnissil u trobbija ta' wlied, u dawn id-dmirijiet iħarsuhom kif jixraq. Imma hemm familji oħra - u hawnhekk l-Isqfijiet ma qalulniex dawl- familji humiex il-ftit jew il-ħafna li qed iħallu l-liġi t'Alla fil-ġenb, qed jaqgħu u jqumu mit-tagħlim tal-Knisja, mhumiex igħixu ħajja li turi għaqda u fedeltà fl-imħabba tagħhom.



**Iż-Żwieġ waqqfu Alla**

Alla jrid li għall-ġid tal-miżżewġin infushom, għall-ġid ta' wliedhom u tas-soċjetà, bejn il-miżżewġin ikun hemm rabta qaddisa li ma tiddipendix mir-rieda tal-bniedem. Alla jrid li ż-żwieġ iżomm **l-indissolubilità** tiegħu, li ż-żwieġ jibqa' dejjem komunità u għaqda ta' ħajja sħiħa. La ż-żwieġ waħħfu Alla, HU għandu d-dritt jirregolah. Lill-miżżewġin Alla jridhom jibqgħu fidili lejH u lejn xulxin, ikunu responsabbli lejh anki fir-relazzjonijiet intimi tagħhom bħala miżżewġin. Fi kliem ieħor, il-bniedem ma jistax jagħmel żwieġ li jaħseb li jista' jħollu bir-rieda tiegħu nnifsu jew ta' ħaddieħor, jew bil-liġi tal-bnedmin bħal fil-każ tad-divorzju. Inkunu nwarrbu lil Alla mill-ħajja tal-miżżewġin kull darba li naħsbu li lill-miżżewġin ħadd m'għandu jindaħlilhom.



**Għaliex l-Isqfijiet imħassba?**

L-Isqfijiet urew it-tħassib serju tagħhom għaliex l-ewwelnett bejn il-miżżewġin qed tonqos il-fedeltà u t-tieni għaliex f'pajjiżna dieħla l-mentalità żbaljata li xejn mhu xejn. Qed jintwerew films, kif ukoll qed insibu fostna min bil-fomm jew bil-kitba qed irewwaħ din il-mentalità li qed tagħmel ħafna ħsara. L-agħrajjes li deħlin għaż-żwieġ għandhom jifthu għajnejhom beraħ li ma jmorrux jiddakkru b'din il-mentalità li xejn mhu xejn, li jistgħu, meta jridu, iħollu r-rabta taż-żwieġ, jew li għax miżżewġin, jistgħu jagħmlu kollox.

**Kif negħlbuha l-kriżi?**

Quddiem din it-theddida, l-Isqfijiet fakkru lill-miżżewġin fl-imħabba li Alla żera' f'qalbhom meta ġibidhom lejn xulxin u għamilhom qalb waħda u ġisem wieħed. Jekk jaraw li mħabbithom birdet, huma għandhom, b'tama u kuraġġ, jitolbu għal xulxin, biex terġa' l-imħabba tiftah u twarrad f'qalbhom mill-ġdid. Jixtiequ wkoll l-Isqfijiet li f'pajjiżna

*i. l-imħabba vera tal-miżżewġin tkun stmata aktar;*
*ii. li tissaħħaħ l-opinjoni pubblika favur iż-żwieġ kattoliku*
*iii. li l-awtorità ċivili, filwaqt li ġġib 'il quddiem il-prosperità tal-familja, tara bħala dmir sagru tagħha li tħares il-moralità pubblika u tagħraf sewwa n-natura u l-veru ġid taż-żwieġ u tal-familja.*

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ, Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377

*Editorjal*

## IL-PARTI TIEGĦI FIL-PARROĊĊA

Ta' kull xaharejn il-parroċċa tagħna qed twasslilkom il-messaġġ tagħha permezz ta' din ir-rivista. Dan il-parroċċa tagħmlu b'sagrifiċċju ta' grupp ta' nies li qed jiddedikaw ħafna mill-ħin tagħhom biex ir-rivista tagħna twassal lill-Komunità parrokkjali kollha, lill-ħbieb u lill-emigranti tagħlim u nformazzjoni utli għal kulħadd.
Għalhekk il-parroċċa qed tagħmel is-sehem tagħha. Imma int x'qed tagħmel? Tħoss li tifforma parti mill-komunità parrokkjali tal-parroċċa tagħna? Tħoss li int tagħmel parti minn familja kbira? Tinteressa ruħek f'dak kollu li jsir fil-parroċċa? Iżżomm ruħek aġġornata ma' l-attivitajiet li jsiru għalik?
Jekk forsi dawn il-mistoqsijiet qed tħosshom xi ftit imbarazzanti u forsi wkoll ma tistax issib tweġiba għalihom, żgur li għadek ftit il-bogħod biex tibda tagħraf x'sehem għandu jkollok int fil-komunità parrokkjali. Meta tkun membru f'xi għaqda żgur li tinteressa ruħek fl-organizzazzjoni tagħha, fl-attivitajiet tagħha u tħossok kburi li taraha miexja 'l quddiem. L-istess għandek tħoss int bħala membru tal-komunità Parrokkjali ta' San Ġorġ. Qis li tibda tgħix il-ħajja fil-parroċċa billi ma tonqosx li tagħti s-sehem tiegħek fil-ħajja tal-parroċċa.
Mhux sewwa li tħoss ruħek parti mill-parroċċa meta tasal il-festa jew meta jogrob l-Għid il-Kbir. Trid tkun kuljum konvint li int tagħmel parti mill-parroċċa. Il-memri kollha għandhom iħossu dan is-sens jekk irridu li l-parroċċa tagħna timxi 'l quddiem u tilħaq l-iskop tagħha.
Għall-grazzja t'Alla fil-Bażilika tagħna ssib il-kumdità kollha f'dak li għandu x'jaqsam ma l-amministrazzjoni tas-Sagramenti. Hija knisja milħuqa u dejjem bin-nies. Attivitajiet isiru ta' spiss u iktar u iktar issa li ser jintemm is-sajf. Tajjeb għalhekk li f'kull familja, f'kull membru tal-komunità tagħha jkun hemm dan l-ispirtu ta' għaqda flimkien biex nagħmlu mill-parroċċa tagħna parroċċa iktar ħajja u kulħadd jibda iktar iħoss li jagħmel parti minnha.
L-Arċipriet tagħna fil-messaġġ li qed iwasslilna permezz ta' din ir-rivista qed jgħidilna x'hemm ippjanat li jsir matul ix-xhur li ġejjin. Għalhekk tajjeb li bil-ħeġġa nieħdu sehem f'dak kollu li tippreżentalna l-parroċċa. Il-Kumitati u Kummissjonijiet fi ħdan il-parroċċa tagħna jkunu jħossuhom iktar kuntenti u sodisfatti jekk dak li huma jagħmlu u jorganizzaw isib iktar konkorrenza matul is-sena kollha biex il-parroċċa tagħna timxi fl-għaqda u fl-imħabba kif tajjeb kien qalilna l-arċipriet ġdid tagħna fil-jum tal-pussess tiegħu.

## NILTAQGĦU NHAR...

**Settembru:**
**Il-Ġimgħa 5**
L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Jum Espożizzjoni Sollenni.
**Is-Sibt 6**
L-Ewwel Sibt tax-xahar. Fis-7.00 a.m. quddiesa bil-priedka dwar il-Verġni Marija. L-Anniversarju tal-Għoti tad-Dinjita ta' Bażilika lill-Parroċċa tagħna.
**Il-Ħadd 21**
Il-231 Anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja. Fid-9.00 a.m. Pontifikal mill-Isqof.
**Il-Ħadd 28**
Jispiċċa l-ħin tas-Sajf.
**It-Tnejn 29**
Festa ta' l-Arkanġlu San Mikiel. Fis-6.30 p.m. Konċelebrazzjoni.
**Ottubru:**
**L-Erbgħa 1**
Siegħa Adorazzjoni Kommunitarja fis-1.30 p.m.
**Il-Ġimgħa 3**
L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Jum Espożizzjoni Sollenni. Fis-7.15 p.m. quddiesa u laqgħa għall-Irġiel u ġuvintur.
**It-Tlieta 7**
Fis-6.00 Rużarju ħaj mit-Tfal taċ-Ċentru Parrokkjali. Fis-6.30 p.m. Quddiesa.
**L-Erbgħa 8**
Tridu tal-Madonna ta' Fatima
**Il-Ħamis 9**
Tridu tal-Madonna ta' Fatima
**Il-Ġimgħa 10**
Tridu tal-Madonna ta' Fatima
**Is-Sibt 11**
Fis-6.00 p.m. Konċelebrazzjoni u wara Korteo 'Aux Flambeaux' bl-istatwa tal-Madonna ta' Fatima.
**Il-Ħadd 19**
Ġurnata Missjunarja. Ngħinu l-Missjonijiet bit-talb u l-offerti.

## Ingħaqdu fiż-Żwieġ Nisrani

**6.7.86**
Sandra Camilleri u Raymond Gauci
**16.8.86**
Marthese Ellis u Michael Grima
**31.8.86**
Josephine Tabone u Domenic Formosa

## Daħlu Qabilna fl-Eternità

11.6.86 Maria Galea
13.6.86 George Sacco
22.7.86 Ursola Frendo

### HINIJIET TAL-QUDDIES

***SETTEMBRU:*** Matul il-gimgħa fil-5.30 p.m. u fis-6.30 p.m. Nhar at' Ħadd fil-5.00 p.m.
***OTTUBRU:*** Matul il-gimgħa fil-5.00 p.m. u fis-6.30 p.m. Nhar ta' Ħadd fl-4.00 p.m. u fil-5.30 p.m.

*Offerti għall-Belt Victoria*

*Familja Scicluna Lm1; Familja Galea 50c; Mgr. F. Borg Lm1; Familja Galea 50c; Anton Borg (Canada) 5 Can Dollars, Chev. J. Zammit 5 Can Dollars; Anton Sacco 25 Can Dollars; Nick Gatt Canada Lm4; Dolindo Bugeja 20 Can. Dollars; Francesca Cauchi 50c; John Borg Lm2; Joseph Pace Hamrun Lm5; Anthony Mercieca (Canada) Lm20.*

*Il-Kelma ta' l-Arċipriet. . .*

# Wara l-Vaganzi: Ix-Xogħol

Is-Sajf għoddu għadda. Ftit jiem oħra u kulħadd jingabar mill-ġdid lejn daru u nibdew il-ħajja normali tas-soltu. Il-jiem tal-vaganzi għaddew: issa quddiemna titfaċċa sena ta' ħidma u attività.

Anke l-parroċċa: għandha quddiemha xhur ta' attività bla taqta'. Kull persuna li tifforma parti mill-komunità parrokkjali għandha xi attività imħejjija għaliha. It-tfal bil-quddiesa ta' kuljum tagħhom, iż-żgħażagħ bil-laqgħa ta' kull ħmistax, in-nisa u l-irġiel permezz tal-laqgħat speċjali li jsiru għalihom it-Tieni Erbgħa ta' kull xahar u l-ewwel Ġimgħa ta' kull xahar rispettivament, l-anzjani bil-ħarġiet u laqgħat soċjali li jsirulhom. F'kelma waħda kulħadd għandu ġurnata jew tnejn fix-xahar: appuntament ma' Alla biex nisimgħu l-kelma tiegħu.

Iżda mhux biżżejjed li l-parroċċa torganizza. Intom l-importanti. Nixtieq narakom ilkoll: nixtieq li f'kull laqgħa f'kull attività rispettiva tagħkom niltaqgħu flimkien u hekk nistabilixxu rabta isħaħ minn dik li għandha sa llum.

Naf li jkun hemm każijiet meta dan ma jistax isir. Ma ġara xejn. Meta hemm raġuni, wieħed jifhem li dak li jkun ma setax jagħmel mod ieħor. Iżda dan nitlob mingħandkom: **Ejjew intom u kull darba għidu li ġejjin għal dawn l-attivitajiet b'hekk tħajru lil ħaddieħor.**

Appell speċjali lil dawk il-ġenituri li din is-sena ser ikollhom xi ħadd minn uliedhom għall-Ewwel Tqarbina u/jew għall-Griżma ta' l-Isqof. L-ewwelnett araw id-dmir sagrosant li intom għandkom li tibagħtu lil uliedkom id-duttrina. It-tieni ser ikun hemm xi laqgħat speċjali għalikom: ma nixtieqx li jkun hemm min jaqla' skuzi: għal dawn il-laqgħat kemm l-omm u kemm il-missier u anke l-parrini jridu jiġu. Inkella t-tfal ma jitressqux għall-Ewwel Tqarbina u/jew il-Griżma.

Jiena ċert li tikkoperaw magħna: aħna rridu ngħinukom. Għinuna intom ukoll billi bil-preżenza tagħkom tagħmlulna l-kuraġġ u takkwistaw dak it-tagħlim li tant għandna bżonn fil-ġranet ta' llum.

Il-Mulej iberikkom

L-Arċipriet

## NIFIRĦU U NSELLMU

• Nifirħu lil Br. MARCO FORMOSA, iben is-sur u s-sinjura John Formosta ta' Pompej Street li nhar it-Tnejn, 8 ta' Settembru fil-Kappella tas-Salesjani go Crumlin, fl-Irlanda ser jagħmel il-Professjoni sempliċi bħala Student Salesjan. Il-Funzjoni ser titmexxa mill-Prov. Fr. M. Winstanley.

• Insellmu lil JOSEPH MERCIECA, iben is-Sur u s-Sinjura Emanuel Mercieca ta' Republic Street, li f'dawn il-ġranet ħalla l-gżira biex imur fl-Irlanda biex jibda l-istudji tiegħu mall-Patrijiet Salesjani.

*Ta min igħid li kemm Marco kif ukoll Joseph kienu t-tnejn jiffurmaw parti mill-Piccolo Clero tal-Parroċċa tagħna. Nawgurawlhom u nifirħu wkoll lil ġenituri tagħhom għall-ġenerosita li urew għas-sejħa tal-Mulej.*

# 16-IL MITT SENA MILL-KONVERŻJONI TA' SANTU WISTIN

*minn Rev. Fr. Edward Fenech O.S.A.*



Nhar is-Sibt, 23 ta' Awissu 1986, l-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi mexxa Korteo li fih ħadu sehem l-Għaqdiet Kattoliċi, il-Kleru Djoċesan, l-Ordnijiet Reliġjużi u fidili bil-Bust Relikwija Insinji ta' S. Wistin merfugħ minn erba' Agfostinjani mill-Knisja ta' S. Franġisk għal dik ta' S. Wistin, fejn saret Konċelebrazzjoni mill-Provinċjal P. Dominic Portelli O.S.A., l-Agostinjani, Reliġjużi oħra, Kleru Djoċesan, Monsinjuri tal-Kattidral u Kanonċi tal-Bażilika Kolleġġjata ta' S. Ġorġ. Fil-25 ta' Awissu saret Konċelebrazzjoni oħra mill-Agostinjani, Franġiskani, u Kapuċċini. Fis-26 ta' Awissu, il-Konċelebrazzjoni saret mill-Kanoniċi tal-Bażilika Kolleġġjata ta' S. Ġorġ. Fis-27 ta' Awissu saret Konċelebrazzjoni mill-Monsinjuri tal-Katidral, filwaqt li fit-28 ta' Awissu, Festa ta' S. Wistin, saret Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof Nikol Cauchi. Ħudu sehem il-korijiet "Chorus Urbanus", "Marija Assunta" u "Laudate Pueri".

S. Wistin twieled f'Tagaste fl-Alġerija fit-13 ta' Novembru 354. Wara l-iskola primarja (361-365) f'Tagaste u sekondarja (365-369), waqaf għal sena u fis-sena 370 mar jistudja Kartaġni fejn wara sena ltaqa' ma' tfajla li fis-sajf 372 tatu t-tifel Adeodat. Fl-istess żmien tħajjar għall-filosofija u l-Manikeiżmu, u beda jaqra l-Bibbja bla ma għoġbitu. Fis-sena 383 sar Professur tar-Rettorika f'Ruma, u sena wara f'Milan. F"sena 386 issaħħar wara l-filosofija Neo-Platonika, sema' l-kliem: "Ħu u aqra" fil-ġnien ta' Milan, qara parti mill-Ittra ta' S. Pawl lir-Rumani, id-dubji li kellu għebu, u kkonverta għar-reliġjon Kattolika ta' ommu Monika. Mar f'Kassiċijaku f'irtir filosofiku-spiritwali ma' qraba u ħbieb. Kiteb hemm diversi kotba. Fis-sena 387 mar Milan jinkiteb għall-Magħmudija u fil-lejl 24-25 ta' April 387, Sant'Ambroġ għammed lilu, lil Adeodat u lil Alipju. Fil-Ħarifa mititlu ommu, u sena wara mar l-Afrika fejn f'Tagaste fetaħ l-ewwel kommunita tiegħu li fiha ssieħeb Adeodat, imma dan miet sena wara. Imbagħad, Wistin sar saċerdot u wara Isqof ta' Ippona, u ta lill-Knisja l-aqwa opri filosofiċi u teoloġiċi.

# LE SPIGOLATRICI DELLA CHIESA

## Istitut Sekulari

L-Istitut Sekulari "Spigolatrici della Chiesa" jaf il-bidu tiegħu lil Pia Tavernelli. L-Istitut beda fl-Italja u mbagħad xtered f'pajjiżi oħra. f'Malta b[illegible]a fl-1964 u f'Għawdex fl-1974.

X'inhu Istitut Sekulari? Istitut Sekulari jħaddan fih membri kkonsagrati li jgħixu fid-dinja. Dawn jibqgħu lajċi bħall-insara l-oħra, bl-istess impenji, speranzi, diffikultajiet, aspirazzjonijiet umani u evanġeliċi ta' ħuthom fil-fidi li jgħixu fid-dinja, iżda fl-istess waqt huma kkonsagrati. Huma jikkonsagraw lilhom infushom lil Alla permezz tal-voti tal-kastità, faqar u ubbidjenza, u b'din l-għotja sħiħa lil Alla, għax iħobbuH, iwassluh għand l-oħrajn, speċjalment għand dawk il-persuni li jiltaqgħu magħhom fuq il-postijiet tax-xogħol, f'postijiet ta' rikreazzjoni u f'oqsma oħra.

Fil-konkret il-membri ta' Istitut Sekulari irid ikollhom mentalità u mpostazzjoni ta' ħajja miftuħa għad-djalogu u għall-għaqda; iħaddmu sensibilità profonda lejn kull persuna bil-problemi tagħha, anke dawk umani: "jibku ma min jibki, u jifirħu ma min jifrah; jimpenjaw ruħhom anke b'sagrifiċċju u riskju personali għall-ġustizzja, l-fraternità, il-paċi, ir-rispett lejn kull persuna fi kwalunkwe sitwazzjoni". (A.A.4.).

Il-membri ta' Istitut Sekulari huma kkonsagrati għall-apostolat. Mela ż-żewġ pedamenti li fuqhom tinbena l-ħajja tagħhom huma (a) il-ħajja intima ma' Ġesù - ħajja ta' talb u (b) l-għotja tagħhom infushom għall-apostolat. Fil-prattika, aħna, Le Spigolatrici della Chiesa, dan inwettquh permezz ta' linji speċifiċi, kariżma, li l-fundattriċi għaddiet lilna.

L-ewwelnett għandna mħabba attiva lejn Ġesù Ewkaristija u s-sens ta' riparazzjoni fis-sens wiesgħa tagħha. Għalhekk fil-ġurnata, kull waħda minnha tfittex li tagħmel ħin ta' adorazzjoni u fl-istess ħin tħajjar lil nies



*L-Ispigolatrici jmexxu l-kant f'quddiesa fil-Bażilika tagħna.*





*Il-Fundatriċi Pia Tavernelli*

oħra għal dan. Fil-linja ta' din is-sejħa jsiru l-adorazzjoni ta' kull xahar għall-Erwieħ ikkonsagrati, Skola ta' Talb u l-Adorazzjoni lejlet l-ewwel ġimgħa tax-Xahar fid-dar tagħna fix-Xagħra.

Aspett ieħor ta' l-Istitut tagħna hija l-imħabba filjali lejn il-Knisja Universali, imħabba lejn il-missjonijiet, u b'mod konkret fil-Knisja lokali. L-Aspirazzjonijiet tal-Knisja huma tagħna, il-parroċċa hija l-komunità li tagħha aħna membri ħajjin. Għalhekk nisimgħu l-quddies il-parroċċa u nagħtu s-sehem sħiħ tagħna bil-qalb meta mitluba u nkunu nistgħu. Hekk ġara meta ġejna mitluba nagħtu servizzi diversi fid-djoċesi, fosthom f'Dar Ġużeppa Debono, fl-Imġarr, Għajnsielem. Din id-dar hija providenzjali u sa issa kellna diversi tfajliet bi problemi diversi: tqala qabel iż-żwieġ, problemi fil-familja, problemi personali u oħrajn. Hawnhekk aħna, bil-għajnuna ta' Alla u taħt il-ħarsien tal-Madonna, inħobbu lil dawn it-tfajliet kif inhuma u nfittxu li ma l-imħabba ntuhom ukoll lil Ġesù. Flimkien nippruvaw nikbru fiH.

Barra minn dan aħna nqimu lill-Madonna taħt it-titlu tal-Madonna tal-Fiduċja, li l-festa tagħha taħbat is-Sibt ta' qabel Ras ir-Randan. F'Marija nafdaw lilna nfusna, djarna, dak kollu li għandna u b'mod partikolari l-erwieħ li kuljum niġu f'kuntatt magħhom.

L-Istituti Sekulari huma don ta' l-Ispirtu s-Santu għall-Knisja f'dawn iż-żminijiet. Il-Mulej diġa tagħna żewġ membri mill-Komunita parrokkjali tagħkom ta' San Ġorġ lil Giorgia Gauci u lil Joy Frendo. Nitolbu flimkien biex in-numru ta' reliġjużi u erwieħ ikkonsagrati lil Alla jikber dejjem. Int tfajla li qed taqra u tħossok interessata, tibżax tistaqsi, ċempel jew ikteb. Kun bħal patrun tagħkom San Ġorġ li ta' kollox, saħansitra ħajtu, għal Ġesù.

***Waħda Minnhom***

*- Jekk tixtieq xi tagħrif jew santi tal-Madonna tal-Fiduċja ċempel 556973 jew ikteb fi 12, Ġnien Xibla Street, Xagħra.*

*- Jekk b'xi mod tixtieq tgħin lid-Dar Ġużeppa Debono fittex lil Dur. Manwel Curmi jew ikteb lil Maria Attard, Dar Ġużeppa Debono, Mgarr, Għawdex.*

***NOTA TAL-BORD EDITORJALI***

***Nieħdu din l-okkażjoni biex f'isem il-Komunità Parrokkjali kollha nroddu ħajr lill-Ispigolatriċi għall-għajnuna li dejjem sibna fihom kull meta l-parroċċa kellha bżonnhom. Grazzi mill-qalb.***

**SEJĦA TAL-PAPA GĦALL-ĠURNATA MISSJUNARJA – 19 ta' OTTUBRU 1986**

**"Illum meta nistgħu naraw aktar minn qatt qabel il-qagħda u l-ħtiġijiet tal-Knisja fid-dinja, inħossu li għandna nagħarfu aktar is-sejħa tagħna ta' Nsara li aħna, u għalhekk inħossu aktar qawwi id-dmir tagħna li nagħtu xhieda u naqdu l-Vanġelu"**

## Paġna tas-Soċ. Fil. La Stella

# Minkejja s-Sajf l-Attività Tibqa' Sejra

Għal ħafna mis-soċjetajiet jew għaqdiet imwaqqfa fi gżiritna s-sajf iġib miegħu pawsa mill-ħidma regolari ta' matul is-sena. Għal xahrejn, tlieta, jekk mhux erba' dawn jieqfu għal kollox mill-organizzazjoni tagħhom biex 'imbagħad jerġgħu jkomplu ma' nofs ix-xahar ta' Settembru. Mhux hekk iżda nistgħu ngħidu għas-Soċjetà Filarmonika La Stella li, minkejja l-granet sħan tas-sajf xorta ma tnaqqas xejn mill-ħidma intensiva tagħha. Mhux talli hekk, anzi pjuttost toħloq attivitajiet ġodda li jappellaw mhux ftit għal dawn ix-xhur ta' btejjel u festi.

**Servizzi tal-Banda**

Ix-xhur ta' Ġunju, Lulju, Awissu u Settembru jfissru impenn akbar minn dawk ta' xhur oħra għall-Banda La Stella. Dan peress li matul dan iż-żmien il-Banda tieħu sehem fil-biċċa l-kbira tal-festi parrokjali t'Għawdex. B'kollox matul dan l-istaġun tal-festi l-Banda La Stella wetqet 23 servizz f'10 festi- parrokkjali. Bħas-snin imgħoddija l-akbar sehem tal-Banda kien fil-Festi ta' San Ġorġ li nżammu bejn it-12 u l-20 ta' Lulju. L-irħula li fihom il-Banda tat is-sehem tagħha kienu dawk tal-Munxar, Għasri, Fontana, Xewkija, Nadur, Sannat, San Lawrenz, Qala u Xagħra.

**San Duminku**



*Il-Banda La Stella flimkien mal-King's Own fil-Festa ta' San Duminku 1986*

Servizz ieħor li l-Banda La Stella tat matul l-istaġun li għadu kif spiċċa u li minnu ħarġet bl-unuri kollha kien dak li għamlet fil-belt Valletta fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Duminku. F'din iċ-ċirkostanza l-Banda ssieħbet mall-Fil-King's Own fil-marċ kbir u tradizzjonali ta' lejlet il-festa - is-Sibt 2 ta' Awissu. F'dan il-marċ iż-żewġ baned ingħaqdu flimkien bħala Massed Band u daqqew innijiet u marċi flimkien daqs li kienu banda waħda. Dan kien marċ singulari għall-gżejjer Maltin li bħalu ma jsir f'ebda festa oħra għajr dik tal-qaddis patrun tagħna, San Ġorġ. Għad sabiħ ta' partitarji u ammiraturi Għawdxin akkumpanjaw lill-Banda f'din l-okkażjoni.

**Astra Tours**

Matul is-sajf ġew organizzati erba' Tours f'diversi bliet u nħawi tal-Ewropa permezz tal-Astra Tours. Tnejn mill-erba' ġiti kienu ta' madwar 17 il-ġurnata l-waħda: Tour minnhom kien għall-Italja, Franza, Spanja u l-Portugal u ieħor għall-Olanda, Belġju, Germanja, Svizzera, Franza u l-Italja. Iż-żewġ Tours l-oħra, li ma kienux daqstant kbar, kienu wieħed għall-Awstrija u l-Germanja u l-ieħor għall-Italja. Madwar 180 ruħ ħadu sehem fl-erba' ġiti li bħas-snin imgħoddija ġew organizzati bl-inizzjattiva personali tas-Sur Paul M. Cassar, il-ħabrieki Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà, li lilu, f'isem il-partit kollu, inroddulu l-ħajr tagħna għall-ħidma bla qies li dejjem wettaq b'risq il-Każin u t-Teatru tagħna.

**Group Folkloristiku Astra**

Il-Group Folkloristiku Astra kien ukoll mill-iktar ħabrieki matul dawn ix-xhur tas-sajf. Sa mid-29 ta' Marzu li għadda, għal darba jew darbtejn fil-ġimgħa, tella' shows ta' żfin u għana folkloristiku Malti fil-Hotel Comino jew il-Club Nautico ġo Kemuna. F'kull Show li tella l-Group intlaqa' tajjeb ħafna mill-għadd kbir ta' turisti li kienu jiffrekwentaw iż-żewġ lokalitajiet, tant li diversi drabi l-Group waslulu ittri ta' apprezzament għall-wirjiet sbieħ tiegħu. Matul is-sajf il-Group ġie mistieden ukoll jipparteċipa f'żewġ serati Maltin, waħda fil-ġonna tal-Argotti u l-oħra fil-Villa Rundle, kif ukoll f'żewġ Shows oħra li saru fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Pietru u San Pawl fin-Nadur u l-Festa ta' San Lawrenz. Minn dawn il-kolonni nifirħu lil dan il-Group li qed jagħmel isem tant tajjeb għalih innifsu u għas-Soċjetà li lilha jirrppreżenta.

**Preżentazzjoni**

Standard ġdid tal-provionċja t'Ontario fil-Canada ġie regalat lis-Soċ. La Stella mill-Kav. Joe Zammit O.S.J. f'waħda mill-granet tal-festa ta' San Ġorġ. Il-preżentazzjoni saret fi Pjazza San Ġorġ qabel wieħed mill-marċi tal-festa mill-Kav. Zammit innifsu (emigrant Għawdxi fil-Canada għal dawn l- aħħar 18-il sena) lis-Sur Paul M. Cassar, Segretarju Generali. Flimkien mal-istandard il-Kav. Zammit ippreżenta wkoll lis-Soċjetà plakka b'messaġġ ta' ferħ u awguri għall-festa ta' San Ġorġ, maħruġ minn Mr David Peterson, Premier ta' Ontario, f'isem il-poplu u l-gvern tal-lokal. Din iċ-ċerimonja qasira għalqet bit-tberik tal-istandard minn Mons. Salv Borg, Arċipriet tal-Bażilika.



*Is-Sur Pawlu Cassar, Seg. Ġenerali tal-Banda La Stella jidher jirċievi l-Istandard mingħand il-Kav. J. Zammit.*

*"Imberkin dawk li jaħdmu għall-paċi għax jissejħu wlied Alla".*

(Matt: 5, 9)



**5** **Bennejja tal-Paċi**



## MARTIN LUTHER KING

**(1929 - 1968)**

Twieled f'Atalanta, Georgia fl-Amerika fil-15 ta' Jannar, 1929, iben ministru tal-Knisja Battista, Ebenezer. Tgħallem fl-Università ta' Boston fejn studja t-teoloġija. Fl-1955 ġie mibgħut f'Montgomerry u mill-ewwel beda x-xogħol tiegħu sabiex jiddefendi d-drittijiet tas-suwed.

Dan ix-xogħol, għalkemm bil-mod, beda jagħti l-frott tiegħu u Martin għamel il-qalb biex ixerred dejjem iżjed il-ħidma tiegħu kontra d-diżugwaljanzi mal-pajjiż kollu u ħa sehem fl-organizzar ta' ħafna dimostrazzjonijiet passivi fosthom il-laqgħa ta' 200,000 suwed f'Washington fl-1964 u l-mixja minn Selma fl-1965. Mhux ta' min jiskanta għalhekk li fl-1964 Dr. King ingħata l-Premju Nobel għall-Paċi minħabba l-isforzi bla waqfien tiegħu biex jikseb soluzzjoni paċifika u mingħajr vjolenza għall-problemi razzjali tas-suwed. Dak in-nhar tal-Premju qal hekk dwar il-vjolenza: "Illum jew għada l-popli tad-dinja jridu jsibu xi mezz kif igħixu flimkien fil-paċi u jibdlu l-poeżija ta' dwejjaq f'salm ta' sbuħija. Biex isir hekk, il-bniedem għandu jsib xi soluzzjoni għall-ġlied kollu uman, li tgħid le għal kull vendetta w aggressjoni. Il-pedament ta' kollox huma l-Paċi u l-Imħabba".

Fit-18 ta' Settembru, 1964 Dr. King ġie milqugħ f'udjenza mill-Papa Pawlu VI li wrieh is-solidarjetà tiegħu u tal-Knisja għall-kawza tas-suwed. Dr. King wara kien stqarr kemm kien ħareġ impressjonat bl-ideat ċari ta' Pawlu VI dwar il-problemi tas-suwed.

Avolja missieru kien ġie maqtul mill-Klu Klux Klan, Martin qatt ma ried juża l-vjolenza fil-ġlieda kuraġġjuża tiegħu. Ma kienx jagħti kas li ħajtu dejjem kienet fil-periklu, basata lest li jaħdem għall-ġid ta' l-oħrajn. Iżda anke Martin Luther King kellu jsib l-istess tmiem li sabu bosta bnedmin oħra bħalu li ħadmu għall-paċi. Kien l-4 ta' April, 1968 fis-sitta ta' fil-għaxija. Hu ħareġ fil-gallerija biex jieħu naqra arja. Sparatura siekta ġiegħlitu jmiss rasu u jaqa' mgħarraq f'demmu. L-aħħar kelmiet tiegħu lil ministru ieħor iswed, "Tinsiex tkanta l-lejla Ikun Imfaħħar il-Mulej" u qis li tkantah sewwa, "Malli semgħet l-aħbar martu Mrs. Koretta King qalet: "Hija ir-rieda t'Alla. Konna nafu li dan seta' jiġri."

Waqt iċ-ċerimonja tal-funeral flok diskors minn xi personalità kbira nstema' diskors b'tape recorder li King innifsu kien għamel xi żmien qabel. Xi ftit mid-diskors hu dan li ġej: "Jekk tqabbdu lil xi ħadd jagħmilli omelija f'mewti, għidulu ma jġibix fit-tul. Ma jsemmix il-Premju Nobel, lanqas id-diplomi, unuri u gradi għax dawn ma għandhomx importanza. Igħidu biss li kont leħen li jgħajjat fis-skiet għall-ġustizzja u għall-paċi. Igħidu li qattajt ħajti naħdem biex inlibbes l-għarwien, b iex nitma lill-imġewwah, biex inħobb u nservi lill-umanità."

Fuq qabru rħama sempliċi bi kliem kbir: "Sa fl-aħħar jien ħieles! Ħajr 'l Alla li jista' kollox, sa fl-aħħar jien ħieles tassew." B'xorti ħażina għad-dinja il-bniedem tefa xemgħa oħra li kienet qed turih it-triq li twassal għall-paċi. Dan il-kbir kampjun tal-paċi kien iħobb itenni "Dinja aħjar jekk **Jien** aħjar." Żgur li ma jkunx ħela ta' żmien jekk nieqfu ftit u naħsbu fuqu.

## *ROKNA TAT-TFAL*

*Għeżież Tfal,*

*Iż-żmien igerbeb u ma jistenna 'l ħadd. Qegħdin taraw kif għaddew bħal leħħa ta' berqa l-ġranet sbieħ tas-sajf! Qegħdin taraw kif spiċċaw il-vaganzi! Kienu qishom ħolma, mhux veru? Miń jaf kemm tbaħbaħtu ġol-baħar u xxemmixtu fuq ix-xtajta sabiħa tagħna! U l-kotba? Dawk insejtuhom? Mur ara kemm kellkom moħħhom, eh? Inċanfarkom jekk ltaqtu l-kotba għal kollox! Imma jien naf li intom tfal bravi u bil-għaqal u għalhekk matul is-sajf nistenna u nittama li ddedikajtu ftit tal-ħin għall-istudju.*

*Imma llum, tfal, f'dan il-messaġġ tiegħi ta' kull xahar lilkom, nixtieq ngħidilkom żewġ episodji qosra, kwazi bħal xulxin: iżda li t-tnejn għandhom tagħlim għalina.*

*Ţifel ċkejken ta' xi ħdax-il sena, kellu l-Birthday u zitu fettlilha tagħmillu Cake kbir billi kienet taf taħdem ħafna ħelu. Iċ-ċkejken, ta' tifel li kien, bla ma qagħad jaħsibha xejn, qabal qasam il-Cake u beda jiekol minnu ftit ftit sa ma fl-aħħar spiċċa biex kieku kollu. Mar ħażin, għax dam erbat ijiem fis-sodda jokrob bl-uġiegħ ta' stonku!*

*Tifel ieħor ta' l-istess eta: ukoll għalaq sninu u ommu ħadmitlu Cake kbir. Kien se jaqbad jaqsmu biex bħal siehbu jduqu u jiekol minnu, iżda ommu waqqfitu u qaltlu: "Dak mhux se tieklu waħdek, iżda se tistieden lil sħabek tal-klassi u l-ħbieb l-oħra u tiekluh waqt Party ilkoll flimkien. Kemm ferah u ħa gost dak it-tifel waħt il-Party!*

*Id-don li bih Alla jogħġbu jżejjinna, m'għandniex inżommuh għalina kif għamel dak it-tifel li kien il-Cake kollu waħdu, iżda għandna naqsmuh ma' l-oħrajn bħal m'għamel it-tiefel l-ieħor li qasam il-Cake ma' ħbiebu.*

*Sakemm nerġgħu niltaqgħu għal darb'oħra, tfal, insellmilkom u nawguralkom suċċess fl-istudji tagħkom.*

*TATA'*

*Iż-Ziju Peppi.*

# LIĠIJIET ĠODDA TAL-KNISJA DWAR IŻ-ŻWIEĠ

## *Enfasi fuq l-Importanza ta' Tħejjija Tajba*

**In-normi jew liġijiet ġodda tal-Knisja dwar iż-żwieġ, li se jibdew iseħħu fil-gżejjer Maltin minn nhar il-Tnejn l-1 ta' Settembru, 1986, jagħtu importanza kbira lit-tħejjija aħjar ta' dawk li jkunu qed jippjanaw li jiżżewġu.**

In-normi li huma kumplimentari għall-Kanoniku, ġew imħejjijin mill-Konferenza Episkopli Maltija u għandhom l-approvazzjoni u l-konferma tal-Papa Ġwanni Pawlu II. Il-Konferenza Episkopali ħejjiethom bil-ħsieb li tiġi regolata aħjar it-tħejjija pastorali u amministrattiva għaż-żwieġ u ċ-ċelebrazzjoni tiegħu fid-djoċesijiet ta' Malta u Għawdex kif ukoll biex tistabbilixxi r-regoli speċjali li jridu jiġu segwiti fil-każi ta' żwieġijiet imħalltin.

In-normi tħabbru mill-Isqfijiet fl-Ittra Pastorali li ħarġu fl-Festa ta' Santa Marija biex, fi kliem l-istess Isqfijiet, tingħata importanza akbar liż-żwieġ nisrani.

**16-il sena**

Mill-1 ta' Settembru dawk li jersqu għaż-żwieġ irid ikollhom 16-il sena. S'issa l-Liġi tal-Knisja kienet tistabbilixxi etajiet differenti għall-mara u għar-raġel. L-eta' għall-irġiel. diġa' kienet ta 18-il sena waqt li għan-nisa kienet ta' 14-il sena. Issa l-età se tkun l-istess għat-tnejn, jiġifieri 16-il sena.

F'kaz ta' żwieġ ta' persuni taħt it-18-il sena huwa meħtieġ il-permess bil-miktub tal-ġenituri tal-parti minorenni. Huma jkunu mitlubin ukoll il-fehma tagħhom dwar il-maturità ta' l-istess persuna. Fil-każ li l-permess ma jingħatax huwa meħtieġ il-permess bil-miktub ta' l-Isqof jew tal-Vigarju Ġenerali.

Il-permess ta' l-Isqof ikun meħtieġ ukoll, fost l-oħrajn, f'każ li ż-żwieġ ma jistax għal xi raġuni jiġi rikonoxxut jew ċelebrat skond il-Liġi Ċivili; jew fejn l-għarus jew l-għarusa huma marbutin minn obbligi naturali, fejn persuna oħra jew lejn tfal minn żwieġ ieħor anki civili jew xi relazzjoni oħra.

**Sitt Xhur**

Fost in-normi l-ġodda hemm li biex l-agħrajjes jitħejjew aħjar għaż-żwieġ, il-Knisja qed titlob li bħala regola, iridu jkunu ilhom jafu lil xulxin almenu sitt xhur qabel. Huma mistennija li jmorru għand il-Kappillan tagħhom sitt xhur qabel id-data tat-tieġ biex dan jagħtihom it-tagħrif meħtieġ bħala tħejjija għaż-żwieġ tagħhom. F'din il-laqgħa l-Kappillan ifakkarhom ukoll li huma obbligati jattendu għal-laqgħat li fihom jiġu mħejjijin mill-qrib għall-istat taż-żwieġ nisrani, bħalma huma dawk organizzati mill-Kappillan jew dawk organizzati mill-Moviment ta' Kana.

Fejn l-għarus jew l-għarusa ma jkunux Kattoliċi, allura jkun hemm l-obbligu li jattendu flimkien għal-laqgħat organizzati jew mill-Kummissjoni Emigranti jew għal laqgħat imħejjijin apposta mill-Kappillan.

L-agħrajjes huma obbligati li xahrejn qabel id-data tat-tieġ jerġgħu jmorru għand il-Kappillan rispettivi tagħhom. Din id-darba jridu jmorru separatament bid-dokumenti meħtiġin għal dik magħrufa bħala l-Investigazzjoni jew l-Eżami taż-Żwieġ. Tul din il-laqgħa l-Kappillan jara li l-għarus/a għandhom it-tagħlim u l-formazzjoni meħtieġa. Il-Kappillan jitlob li l-agħrajjes jimlew formula b'tagħrif meħtieġ u jsaħħu x-xiehda tagħhom bil-ġurament.

**Tnedijiet**

Mhux anqas minn xahar qabel iż-żwieġ l-agħrajjes għandhom jippreżentaw fl-Uffiċċju taż-Żwieġijiet tal-Kurja l-formoli ta' l-Investigazzjoni ta' qabel iż-żwieġ flimkien ma' ċertifikati oħrajn. Imbagħad, almenu tliet ġimgħat qabel iż-żwieġ isiru t-tnedijiet. In-normi l-ġodda jagħrfu li hija ħaġa xierqa li ftit ġranet qabel iż-żwieġ il-qassis li jkun se jżewweġ jiltaqa' ma' l-agħrajjes biex jiftiehem magħhom dwar il-funzjoni.

In-normi jitkellmu wkoll dwar żweġijiet imħalltn, jiġifieri dwar żweġijiet bejn kattoliċi u dawk mhux mgħammdin u żwieġijiet bejn kattoliċi u oħrajn mgħammdin iżda mhux fil-Knisja Kattolika. F'dawn il-każi tinħtieġ dispensa jew permess speċjali mingħand l-Isqof. Il-parti Kattolika għandha tmur għand il-Kappillan tagħha almenu sitt xhur qabel id-data tat-tieġ biex tkun tista' ssir it-talba għal din id-dispensa jew permess speċjali.

## Ulied Ġodda fil-Parroċċa

**21.6.86**
DANIEL iben Gorg Cassar u Sabina nee Alport

**9.7.86**
CATHERINE JOE bint Raymond Farrugia u Rita nee Sacco

**13.7.86**
ELAINE bint Peter Axiaq u May nee Rapa

**15.7.86**
TY WILLIAM iben Geoffrey Redmond Fairclugh u Loretta nee Refalo

**26.7.86**
DAVID iben Francis Vassallo u Maria nee Cauchi

**26.7.86**
PAULA bint Domenic Attard u Cettina nee Fenech

**1.8.86**
TANIA GEORGETTE bint Charlie Gauci u Maira nee Formosa

**2.8.86**
SUZANNE bint Vincent Vella u Marlene nee Farrugia

**2.8.86**
DANIEL Iben Salvu Attard u Filomena nee Tabone

9.8.86

**9.8.86**
VERONICA-ANN bint Dr. Teddy Gorg Farrugia u Monica nee Borg

**10.8.86**
ROMINA bint Gorg Xerri u Maria nee Galea

**30.8.86**
GEORGE iben Anton Sacco u Giorgia nee Said

**31.8.86**
STEVE iben Frankie Xuereb u Vickie nee Sultana

# FESTA TA' SAN ĠORĠ 1986

*Bħas-snin l-imgħoddija r-rivista tagħna ma tistax tħalli barra u ma ssemmix il-Festa popolari ta' San Ġorġ. Insemmugħa mhux biss għax inkunu kburin b'kulma jkun sar imma wkoll biex ikollna ċans nirżuħajr lil ull min jagħti sehmu għas-suċċess tal-festa b'mod partikolari u speċjali lill-Banda La Stella li tieħu ħsieb il-festi esterni.*



*Mons Isqof Nikol Cauchi, Isqof t'Għawdex u Dekan tal-Kapitlu Ġorġjan jidher ibierek lapida kommemorattiva fil-Bażilika b'tifkira tal-festi kbar li saru fl-okkażjoni tal-17-il mitt sena mit-twelid tal-Megalomartri San Ġorġ. L-Isqof bierek ukoll l-24 kwadru tal-mużajk li saru fil-koppletti tan-navi.*



*F'quddiesa tal-ġenerożita li saret fl-okkażjoni tal-festa l-parruċċani kollha offrew xi ħaġa għall-istituti u hawn Dun Manwel Curmi, Direttur Djoċesan, jidher jirringrazzja lil kulħadd għall-offerti ġenerużi li saru u li kienu jinkludu barra mijiet ta' bottijiet u oġġetti oħra, is-somma ta' mitt lira.*



*Fr. Paul Chetcuti S.J. jidher imexxi quddiesa speċjali għaż-żgħażagħ tal-parroċċa tagħna. Barra l-quddiesa sar ukoll kant u talb komunitarju.*



*Mons Isqof Nikol Cauchi Itaqa' mat-tfal tal-parroċċa waqt konċelebrazzjoni mmexxija mill-isqof stess. Wara Mons Isqof qassam il-premijiet lill-aħjar tfal li jattendu ċ-ċentri tad-Duttrina.*



*Wara l-marċ li l-Banda La Stella għamlet lejlet il-festa fil-għodu hija offriet riċeviment lill-Kapitlu u kleru u lill-Kumitat u Bandisti kollha. Għal dan ir-riċeviment attenda wkoll Mons Isqof Nikol Cauchi, Dekan tal-Kapitlu.*



*Billi din kienet l-ewwel festa għall-Arċipriet il-Ġdid Mons Salv Borg, il-Kumitat tal-Banda King's Own offra rigal lill-istess Arċipriet waqt il-programm li l-banda għamlet fmisraħ San Ġorġ lejlet il-festa.*


## ĦAMSIN ĊENTEŻMU BISS

Iva, b'daqshekk biss minn kull minn jirċievi din ir-rivista tkun tagħinna ħafna. Uża l-envelope li għandek mar-rivista u għaddieh bl-offerta tiegħek lil minn iġiblek ir-rivista jew ħallieh fl-uffiċċju parrokkjali.
Din offerta, **ta' darba f'sena biss**, għall-rivista li tiswa ħafna aktar.

# "MOTHER & CHILD FAIR"

***Fil-Kumpess tat-Teatru Astra***

**Il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd 10, 11 u 12 ta' OTTUBRU 1986**


*A&M PRINTING LTD.-553217*